HAL BALZAN

IT-TMIEN SENA Nru. 43. SETTEMBRU/OTTUBRU 1978

EDITORJAL

AKTAR MATURITA' RELIĠJUŻA

Bosta kienu l-Maltin li nħasdu bl-aħbar tal-mewt tal-Papa Pawlu VI. Inħsadna għax bħala kattoliċi nħarsu lejn il-Papa bħala l-missier spiritwali tagħna, u għalhekk bil-mewt tiegħu l-knisja ġarrbet it-telfa tal-mexxej tagħha fuq l-art imqiegħed minn Kristu nnifsu. Inħsadna għax il-mewt tal-Papa ġiet għal għarrieda u bla mistennija, għax għalkemm Pawlu VI f'saħħtu kien ilu jnaqqas però ma kontx tgħid li wasal hekk fl-aħħar. Inħsadna wkoll aħna l-Maltin għax din l-aħbar sabitna fl-eqqel ta' l-istaġun tal-festi fl-ibliet u l-irħula, li huma tant għal qalbna u li niċċelebraw b'tant ħeġġa u entużjażmu.

Kien hawn, ikollna nammettu jekk irridu nkunu sinċieri, li dehret in-nuqqas ta' maturità tagħna bħala poplu nisrani. Uħud minna malajr ħassew il-bżonn u ntebħu li huwa xieraq li jħassru l-festi esterni jew jipposponu l-festa tagħhom, biex huma wkoll jingħaqdu mal-knisja universali fil-luttu li kien qed isir għall-mewt tal-Papa. Iżda oħrajn fehmuha xort'oħra, jew dehrilhom li kellhom jifhmuha xort'oħra. Dawn it-talin dehrilhom li kellhom jiċċelebraw il-festa tal-qaddis patrun tagħhom xorta waħda, u bil-pompa u l-briju tas-soltu, minkejja wkoll il-kelma twajba ta' l-Arċisqof tagħna li talab li ma jsirux festi esterni f'pajjiżna għall-inqas sa jum il-funeral tal-Papa.

Kienet inkosistenza kbira fl-imġiba ta' dawn in-nies li, biex mingħalihom iqimu l-qaddis patrun ta' pajjiżhom, bħal insew id-dmir ta' kull nisrani li jissieħeb u jingħaqad mal-knisja b'turija ta' rispett lejn il-Papa, u wkoll id-dmir li nobdu l-awtorità leġittima tar-ragħaj spiritwali tad-djoċesi. U dan iġegħilna nistaqsu: Tgħid aħna l-Maltin il-festi nagħmluhom l-ewwel u qabel kollox biex tabilħaqq inqimu 'l Alla fil-qaddisin tiegħu, jew għas-sodisfazzjon tagħna nfusna li nagħmlu briju bil-marċi u n-nar? Żgur li l-qaddisin ma jeħdux pjaċir b'qima ta' din ix-xorta li m'hijiex imsieħba ma' ubbidjenza vera lejn l-awtorità tal-knisja.

Hemm bżonn li nżommu ċar quddiem għajnejna l-iskop ewlieni li għalih niċċelebraw il-festi f'pajjiżna. Filwaqt li ma niċħdux il-funzjoni soċjali u l-għan folkloristiku li għandhom il-festi, anzi ninkoraġġuhom u nkabbruhom, però min-naħa l-oħra ma nħallux dan l-aspett estern tal-festa jċajprilna jew itellifna l-iskop prinċipali tal-festa. Hemm bżonn li l-valuri tagħna nżommuhom ċari u ma nħalltux bejn dak li għandu jiġi l-ewwel u dak li għandu jiġi wara. Jeħtieġ li nimmaturaw aktar fil-ħajja reliġjuża tagħna, u ma nibqgħux inqisu r-reliġjon bħal meta konna tfal żgħar nilagħbu bil-knisja. Jalla nirriflettu sħiħ fuq dan il-punt u nħallu l-Ispirtu s-Santu jmexxina Hu bid-dawl tiegħu biex naslu biex intiegħmu l-esperjenza ta' ħajja reliġjuża verament matura.

25 SENA TA' HIDMA FOST IL-BALZANIN

Tul l-ewwel ġimgħa ta' Settembru, Dun Ġwann Zammit Hammet iċċelebra għeluq il-ħamsa u għoxrin sena tas-saċerdozju tiegħu (ara parti oħra tal-gazzetta). Dun Ġwann m'għandux bżonn ta' introduzzjoni u lanqas ta' eloġji, għaliex aħna l-Balzanin nafuh biżżejjed u nafu biżżejjed ukoll bil-ħidma tiegħu fil-parroċċa li tiswa mitqilha deheb. Se nikkummentaw biss fuq xi tfisser ħamsa u għoxrin sena ta' ħidma f'parroċċa.

Hamsa u għoxrin sena huma żmien sabiħ, aktar u aktar meta dawn is-snin wieħed igħaddihom jaħdem għal ħaddieħor. Hamsa u għoxrin sena ta' ħidma jfissru ħamsa u għoxrin sena ta' kuntatt mal-poplu; ifissru li wieħed ikun jaf tajjeb il-ġenerazzjoni żagħżugħa tal-parroċċa mill-qrib. U dan nistgħu ngħidu li huwa l-mertu ta' Dun Ġwann, billi dawn is-snin bħala saċerdot għaddiehom kollha f'Hal Balzan, raħal twelidu, u aktar minn nofshom bħala Viċi-Parroku tal-parroċċa. Dun Ġwann sar midħla tal-familji kollha tal-parroċċa, bis-saħħa tal-ġbir b'risq il-knisja u aktar u aktar bis-saħħa tat-tqarbin ta' kuljum lill-morda tal-parroċċa, li ta' kuljum, sajf u xitwa, ikunu jistennewh bil-ħerqa sabiex iwasslilhom lil Ġesù Ewkaristija f'darhom.

Aħna, f'isem il-Balzanin kollha, lil Dun Ġwann nixtiqulu 'Ad Multos Annos', ħajja twila ta' saħħa u ħidma spiritwali b'risq ir-raħal tagħna, u fl-istess ħin nitolbu għalih sabiex jissokta jwettaq ix-xogħol siewi tiegħu fil-għalqa tal-Mulej.

DUN GWANN ZAMMIT HAMMET JAGHLAQ 25 SENA SACERDOT

Nhar it-2 t'Awwissu, Dun Ġwann Zammit Hammet għalaq 25 sena minn meta ġie ordnat saċerdot. Huwa fakkar dan il-Ġublew tal-Fidda nhar il-Hadd, 3 ta' Settembru, b'Quddiesa solenni konċelebrata fil-Knisja Parrokkjali ta' Hal Balzan. F'din l-okkażżjoni sabiħa, il-Bord Editorjali għamilnielu din l-intervista.

1. Dun Ġwann, minn dejjem ħassejt li s-saċerdozju kien is-sejħa tiegħek?

Għalkemm m'huwiex faċli li tagħti tweġiba qasira u ta' malajr għal din il-mistoqsija, nista' ngħidlek li sa miċ-ċokon ħassejtni miġbud għas-sejħa ta' saċerdot, għax dejjem ridt niddedika ruħi għas-servizz tal-knisja. Difatti ta' anqas minn għaxar snin ħdimt bħala abbati taħt il-mibki Monsinjur F.S. Zahra, li allura kien il-kappillan tal-parroċċa. Aktar tard meta dħalt is-Seminarju, bqajt nagħti s-servizz tiegħi lill-knisja f'dak li hu funzjonijiet; dan naturalment kont nagħmlu meta kont inkun bil-vaganzi. Hekk, tul dawn l-erbgħin sena, għax illum għandi ħamsin, qatt ma nqast li nagħti l-ħidma tiegħi lill-knisja.

2. Tista' ssemmi xi ġrajjiet li kellek fil-ħidma pastorali tiegħek tul dawn il-25 sena li ilek tqaddes?

Ma nafx xi trid bi 'ġrajjiet speċjali', biss l-akbar sodisfazzjon tiegħi u l-iktar ħaġa li hi għal qalbi fost il-ħafna attivitajiet li għandi huma l-morda, li nieħu ħsiebhom b'kura speċjali billi nwasslilhom is-Sagrament ta' l-Ewkaristija fid-dar tagħhom, għaliex huma ma jistgħux imorru l-knisja, u hekk ma jkunux imċaħħdin mill-ħobż tas-sema. Nagħmel bħal ma ngħidu aħna fuq Mawmettu u l-muntanja: meta ma kienx imur Mawmettu fuq il-muntanja, kienet tmur il-muntanja għand Mawmettu. Ċertament ngħid li Kristu mhux Mawmettu, bħal ma Mawmettu mhux xi Ġesù Kristu, imma rrid ngħid li Ġesù Kristu hu l-Muntanja ta' Alla.

3. Illum, għadek tħares lejn is-saċerdozju bl-istess mod li kont tħares lejh 25 sena ilu?

Jiena għażilt li nsir saċerdot, li hija grazzja kbira u li ċertament ma nħossnix denn tagħha; però nħossni kburi li rrid naħdem bħala saċerdot fil-qasam tal-Mulej u, sakemm jippermettuli l-forzi tiegħi, irrid nibqa' b'dik l-istess ħeġġa għaliex irrid nagħmel il-ġid fost l-erwieħ, biex hekk nikkonferma s-sejħa tiegħi u nikkonforma l-volontà tiegħi ma' dik ta' Kristu li ried jagħżilni għal hekk. B'hekk allura nista' ngħid li għadni nħares lejn is-saċerdozju bl-istess mod li kont inħares lejh 25 sena ilu. Anzi nitlob lil Alla biex nitħeġġeġ dejjem aktar fil-virtujiet ħalli ħaddieħor jara l-eżempju tajjeb u jagħti dejjem glorja lil Alla.

4. Kif taraha l-missjoni tas-saċerdot fid-dinja tal-lum?

Id-dinja minn dejjem tħares bl-ikrah lejn dak li huwa spiritwali, tant li nistgħu ngħidu li l-bniedem materjali, u iktar u iktar il-bniedem materjalista, ma jifhimx fl-affarijiet li huma ta' Alla, wisq iżjed illum meta, kif tgħid l-Iskrittura, id-dinja qiegħda f'abbiss. Il-missjoni tas-saċerdot issib ħafna xkiel, però jibqa' l-fatt li Alla qatt ma jabbanduna l-opri ta' idejh, u wisq iżjed lis-saċerdot li huwa ħolqien ta' Alla permezz ta' Ġesù Kristu, li ried li l-opra tiegħu titkompla sa l-aħħar. Is-saċerdot jiltaqa' ma' ħafna tfixkil, imma ngħiduha ma' San Pawl, Alla jikkonfortna bil-għajnuna tiegħu; u b'hekk is-saċerdot jista' jkompli l-missjoni

• għal paġna 4



Dun Ġwann Zammit Hammet dieħel jiċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fil-Knisja Parrokkjali ta' Hal Balzan.

IMUTU ŻEWĠ PAPIET

Mill-aħħar ħarġa tal-gazzetta sal-lum, ġraw bosta ġrajjiet, li għalkemm illum diġa' bdew jiffurmaw parti mill-istorja, mhux ta' min ma jħallix tifkira tagħhom. Nhar il-Hadd, 6 t'Awwissu, ġriet mad-dinja l-aħbar ta' niket tal-mewt tal-Papa Pawlu VI, aħbar li ġagħlet 'il kulħadd jirrifletti u jitkellem fuq il-kwalitajiet sbieħ ta' dan il-Papa. Aħbar ta' ferħ, imbagħad, kienet dik ta' l-elezzjoni tal-Papa l-ġdid, il-Papa Ġwanni Pawlu I, li malajr ġibed is-simpatija tad-dinja kollha. Meta ġa konna qed nistampaw il-gazzetta, nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Settembru, smajna bl-aħbar ta' swied il-qalb tal-mewt għal għarrieda tal-Papa Ġwanni Pawlu, wara pontifikat qasir ta' 33 jum. Filwaqt li niftakru fit-talb tagħna f'dawn iż-żewġ Papiet, nitolbu 'l Alla jagħtina Papa ieħor skond il-qalb tiegħu.

"HAL BALZAN"

Toħroġ kull xahrejn mill-
BORD EDITORJALI — "HAL BALZAN"

C/O Każin tal-Banda
"San Gabriel"
Hal Balzan.

Stampata fil-
Lux Press
Hamrun.

X'ĠARA FOSTNA

MEJJU 1978

Nhar it-Tnejn, 8 ta' Mejju, festa tal-Madonna ta' Pompej, bħas-snin l-imgħoddija saret quddiesa fil-11.30 a.m. u f'nofs in-nhar is-Supplika lill-Madonna. Il-Ġimgħa, 12 tax-xahar, l-ewwel jum tal-Karnival, saret ċelebrazzjoni ewkaristika bil-priekda wara l-quddiesa ta' fil-għaxija. L-għada, is-Sibt, saret ġurnata adorazzjoni quddiem Ġesù Espost; l-għaqdiet għamlu l-adorazzjoni tagħhom f'ħinijiet differenti.

Bejn l-Erbgħa, 17 ta' Mejju, u l-Ġimgħa, 26 tax-xahar, kien hemm "jumble sale" fiċ-Ċirkolu Reġina Pacis b'risq id-Dar tal-Providenza tas-Siġġiewi.

Il-Hadd, 21 ta' Mejju, festa tat-Trinità Mqaddsa, fil-Parroċċa saret il-festa tal-Madonna tad-Duttrina u l-Ewwel Tqarbina tat-tfal. 28 tifel u 35 tifla rċevew lil Ġesù Sagramentat għall-ewwel darba fis-sider tagħhom. Wara l-quddiesa, saret purċissjoni qasira bl-istatwa tal-Madonna u mbagħad it-tiġdid tal-wegħdiet tal-Magħmudija. L-għada saret il-festa ta' Santa Rita.

Il-Hadd ta' wara, 28 mix-xahar, il-Knisja ċċelebrat il-festa tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. Il-purċissjoni ewkaristika solenni, bis-sehem tal-fratellanzi u l-għaqdiet u l-każini ta' Hal Balzan, saret fl-10.15 a.m., wara l-quddiesa kantata. Fil-għaxija, fil-Museum tas-Subien, saret iċ-ċerimonja tat-tfal Magħżulin. li għalliha kienu mistednin l-irġiel kollha tal-Parroċċa.

ĠUNJU 1978

Il-festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù ġiet iċċelebrata fil-Parroċċa nhar il-Hadd, 11 ta' Ġunju. Is-Santissmu Sagrament ġie espost fil-knisja wara l-aħħar quddiesa, u wara nofs in-nhar saret l-adorazzjoni mill-għaqdiet diversi tal-Parroċċa. Fil-5.00 p.m. tkanta l-għasar, imbagħad quddiesa konċelebrata solenni. Wara ħarġet il-purċissjoni, li fiha ħadu sehem l-għaqdiet reliġjużi tal-Parroċċa, il-każini, is-sorijiet, u t-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina bil-libsa tal-festa.

Nhar il-Hamis, 22 tax-xahar, wara l-quddiesa ta' fil-għaxija, il-Legion of Mary tal-Parroċċa għamlet siegħa adorazzjoni bil-priedka bi tħejjija għall-Missjoni li l-membri ta' din l-għaqda jagħmlu kull sajf barra minn Malta.

LULJU 1978

Nhar il-Hadd, 2 ta' Lulju, f'Hal Balzan saret il-festa ta' San Valentinu Martri, ko-protettur tal-Parroċċa. Wara d-dħul tal-purċissjoni, il-vara titulari ta' Marija Annunzjata nħarġet min-niċċa tagħha għall-festa, fost il-briju tal-Balzanin li qatt ma naqsu li jattendu bi ħġarhom għall-ħruġ tal-vara. Wara, kien hemm tombla fuq iz-zuntier tal-knisja u logħob tan-nar. Il-Banda 'San Gabriel' ukoll ħadet sehem fil-festa billi daqqet f'marċ u għamlet programm fuq iz-zuntier tal-knisja.

Il-programm tal-ġimgħa tal-festa kien mimli, sew għal dawk li huma festi interni kif ukoll festi esterni. Għad-dettalji, wieħed jista' jara l-Programm tal-Festa, li stampajnieh sħiħ fil-ħarġa li għaddiet tal-festa. Bħas-snin l-imgħoddija, din is-sena wkoll il-festa ta' l-Annunzjata reġgħet ġibdet għadd kbir ta' nies, bosta minnhom barranin li kienu għall-btala f'Malta. Huma baqgħu entużjażmati ħafna bit-tiżjin tal-knisja, bl-armar tat-toroq, u bl-organizzazzjoni tal-festa in ġenerali.

Taħdita interessanti bis-suġġett "Alla għadu ħaj" saret fis-Sala Parrokkjali mill- Prof. Patri Ugolino Gatt, Agostinjan, li kien għall-btala f'Malta. It-taħdita, li kienet f'żewġ partijiet, saret nhar il-Hamis, 13 ta' Lulju, u l-Hamis ta' wara, 20 mix-xahar.

AWWISSU 1978

Nhar it-Tnejn, 7 ta' Awwissu, fid-9.00 a.m. il-qniepen tal-Parroċċa taw l-aħbar ta' niket tal-mewt tal-Papa Pawlu VI, li ġrat il-jum ta' qabel fil-għaxija. Dak in-nhar il-quddies kollu fil-knisja sar għal ruħ il-Papa, u fil-jiem ta' wara, Hal Balzan ingħaqad mal-Knisja kollha fil-luttu għall-Papa mejjet. Il-quddiesa 'de requie' ordnata mill-Arċisqof għal ruħ il-Papa saret fil-Parroċċa nhar it-Tnejn, 20 ta' Awwissu, fis-6.30 p.m. Qaddes il-Kappillan, u miegħu kkonċelebraw il-kleru kollu tal-Parroċċa. Għall-quddiesa, attendew il-għaqdiet kollha tal-Parroċċa, reliġjużi u profani, u ħafna nies mill-Parroċċa.

Is-Sibt, 26 t'Awwissu, imbagħad, għall-ħabta tas-7.30 p.m. il-qniepen daqqew ferrieħa f'mota li ħabbret li l-Knisja Kattolika għandha Papa ġdid, il-Papa Ġwanni Pawlu I. Quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla li għoġbu jagħtina Papa ġdid tqaddset fil-Parroċċa nhar il-Hamis, 31 t'Awwissu.

IL-KNISJA PARROKKJALI (31)

TAR-RUZARJU

Din id-darba jmiss li nitkellmu dwar id-disa' artal li għandna fil-Knisja Parrokkjali, l-artal tal-Madonna tar-Rużarju. Iżda ma jistax wieħed jaqbad u jitkellem dwar dan l-artal li llum naraw fil-kappellun tiegħu, jekk qabel ma jkollniex f'moħħna xi ħjiel minn dak li għadda mill-Balzanin dwar id-devozzjoni lejn il-Madonna tar-Rużarju. Għalhekk meta nagħtu ħarsa lejn l-istorja ta' din il-parroċċa, naraw li sa minn qabel is-sena 1656 fil-knisja ta' l-Annunzjata l-qadima diġà kien hemm artal iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju. Dan l-artal kien qiegħed in-naħa tal-lemin ta' l-artal maġġur. (1)

Insibu li dan l-artal tar-Rużarju kien diġà ġie trasferit mill-knisja l-qadima għall-knisja parrokkjali l-ġdida qabel is-sena 1673 u tqiegħed fuq in-naħa tax-xellug ta' min jidħol il-knisja fejn illum hemm l-artal tad-Duluri. (2)

Dan l-artal tar-Rużarju dam mas-sitta u għoxrin sena flok l-artal tad-Duluri, sa ma tlesta l-kappellun fejn narawh illum. Dan igħidulna l-Isqof Cocco Palmieri fil-Viżta Pastorali tiegħu tal-20 ta' Settembru 1699. (3)



L-artal tal-Madonna tar-Rużarju, armat għall-festa.

L-EWWEL VIŻTI PASTORALI DWAR DAN L-ARTAL

L-ewwel tagħrif dwar l-artal tar-Rużarju fejn hu llum jagħtihulna l-Isqof David Cocco Palmieri, fir-relazzjoni tal-viżta li għamel lill-Knisja Parrokkjali nhar l-20 ta' Settembru 1699, meta jgħidilna: "Wara li rajt l-artal maġġur, mort ninviżta l-artal tal-Madonna tar-Rużarju. Dan l-artal qiegħed fil-kappellun in-naħa tal-lemin ta' l-artal maġġur (cornu evangelii). Il-kwadru hu mdawwar bi gwarniċ tal-ġebel bejn erba' kolonni. Madwar il-kwadru hemm ħmistax-il kwadru żgħir li jirrappreżentaw il-ħmistax-il misteru tar-Rużarju Mqaddes. Il-Prokuraturi huma Mikiel Muscat u Ġanni Genuis." (4)

Fil-viżta ta' wara din, li għamel l-istess Isqof fis-sena 1709, insibu l-istess dettalji dwar dan l-artal. Insibu biss li tbiddlu l-prokuraturi u li issa saru Mattew Fenech u Ġużeppi Cardona. (5)

L-Isqof Ġakbu Canaves, fil-viżta tiegħu li għamel nhar it-28 ta' Settembru 1716, igħidilna li dan l-artal titla' għalih bi tliet tarġiet, li għandu l-mensa tiegħu ta' l-irħam u li fuq dan l-artal hemm tabernaklu. Isemmi wkoll il-ħmistax-il kwadru tal-misteri tar-Rużarju. (6)

AKTAR DWAR DAN L-ARTAL

F'wieħed mill-kotba tal-ħruġ insibu li f'Diċembru 1780, il-prokuraturi ta' dak iż-żmien kellhom joħorġu s-sehem li kien imisshom biex jista' jitbajjad il-kappellun tar-Rużarju, kif kien ordnalhom l-Isqof Labini. (7)

Fl-1783 saret terħa tal-għażel fin, u l-bizzilla sabiħa ħafna b'kollox qamet aktar minn ħmistax-il skud. (8)

Is-sena ta' wara, fl-1784, il-mastrudaxxa Mikiel Catania ħadem vent'artal ġdid li l-iskultura u l-indduratura tiegħu qamu ħamsa u għoxrin skud. Id-drapp tiegħu sar tal-imbrukkat tad-deheb bi frenża u galluni ta' deheb fin li qamu mija u sitt skudi. (9)

Mill-istess ktieb fuq imsemmi sirna nafu li l-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju kellu żewġ kuruni tal-fidda, waħda fuq ras il-Madonna u l-oħra fuq ras il-Bambin. Dan kien fis-sena 1790. (10)

SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL BALZAN
Tiftix u kitba ta'
DUN ĠWANN DIMECH

It-twieqi tal-kappellun tar-Rużarju ġew irranġati fl-1795. (11)

L-artal tar-rħam li naraw illum sar fis-sena 1817 mill-marmistra Ġużeppi Dalli. Il-prokuratur Dun Salv Mifsud, nhar is-6 ta' Frar 1817, ħallas 350 skud għall-irħam u għax-xogħol tiegħu. L-ornamenti ta' l-iskannell u l-bieba tat-tabernaklu qamu 35 skud u 8 tari' u l-indduratura tagħhom saret mill-induratur Wistin Schembri u qamet ħmistax-il skud. (12)

Is-sena ta' wara, fl-1818, sar il-pedistall għall-ostensorju. (13)

Fl-4 ta' Mejju 1822 tħallset is-somma ta' 300 skud għax-xiri tad-drapp: damask abjad, frenża u glalen tad-deheb minn għand Salvatore Busuttil għal erba' kapep biex iservu għall-funzjonijiet li jsiru fuq dan l-artal. (14)

(Għal pagna 4)

STARLETS

284, HIGH STREET, BALZAN

STATIONERY, TOYS, PAPER BACKS,
NEWSPAPERS AND CIGARETTES

Telephone: 41644

Kittieb Balzani jirbaħ in-"National Short Story Competition"

In-'National Short Story Competition', organizzata mill-British Residents' Association permezz tal-magazine tagħhom 'Malta Life', din is-sena ntrebħet minn George Cassola, li joqgħod Ħal Balzan.

L-istorja tas-Sur Cassola jisimha "The Shake-up". Fuq l-isfond tat-terremot li laqat lil Malta xi sitt snin ilu, Cassola jirrakkonta l-ġrajja ta' sajjied żagħżugħ u ommu, waqt li joħroġ riflessjonijiet fuq il-valuri umani u t-tifsira li għandhom għal kull individwu.



George Cassola

George Cassola għandu 29 sena. Huwa studja fil-Kulleġġ San Alwiġi u fl-Università ta' Malta, minn fejn ħareġ fl-1965 meta daħal jaħdem mal-gvern. Illum huwa uffiċjal amministrattiv fid-dipartiment tat-Taxxi Interni.

Hu ilu jikteb għal bosta snin u xandar diversi poeżiji, novelli u għanjiet f'magazines u fuq ir-radjo. Hu kien wieħed mill-membri fundaturi tas-Soċjetà tal-Poeżija u għal dawn l-aħħar tliet snin kien teżorier tal-Moviment Qawmien Letterarju, fejn ta sehem siewi wkoll fil-ħruġ tal-pubblikazzjoni 'Il-Polz'.

Fil-qasam teatrali, Cassola wera l-interess tiegħu meta ġie li ħa sehem f'xi drammi mtellgħin mill-Malta Amateur Dramatic Club fit-Teatru Manoel u f'Sant'Anton. L-attività tiegħu f'din il-linja dażżmien hi aktar konċentrata fil-kontribuzzjonijiet ta' kritika li jidhru fis-Sunday Times of Malta.

Is-sena l-oħra, meta ħa sehem għall-ewwel darba fin-National Short Story Competition, l-istorja tiegħu "Credo" kienet kisbet it-tieni premju. Din is-sena, bl-istorja "The Shake-up", mexa pass 'il quddiem u b'hekk rebaħ il-£M25 li jingħataw minn membru tal-British Residents' Association lir-rebbieħ tal-kompetizzjoni, kif ukoll l-£M10 mogħtija mis-Sur Pawlu Mizzi tal-Klabb Kotba Maltin lill-kittieb fost dawk ta' nazzjonalità Maltija li jikseb l-aħjar post.

Il-Klabb Kotba Maltin, permezz tas-sezzjoni Midsea Books Ltd., se jippubblika, bħal ma għamel fis-snin li għaddew, il-ktieb "Top Ten Tales of Malta 1978" li jkun fih l-istorja "The Skake-up" u l-istejjer l-oħra li ntgħażlu fost l-aqwa għaxra tal-kompetizzjoni.

Aħna nifirħu lil George Cassola għar-rebħa tiegħu u nixtiqulu aktar suċċessi fil-karriera tal-kitba.

Matul is-Snin (3)

L-edukazzjoni fi żmien l-Ingliżi

Matul l-ewwel snin tal-ħakma tagħhom, l-Inglizi bħall-Kavallieri ta' San Ġwann ma tawx każ ta' l-edukazzjoni tal-poplu. Fl-1836 il-Gvern Ingliż bagħat Kummissjoni Rjali f'Malta li kellha tagħmel rapport fuq l-amministrazzjoni ċivili. Il-Kummissjoni sabet li kien hawn biss tliet skejjel primarji li fuqhom il-Gvern kien qiegħed jonfoq £400 fis-sena. Il-Kummissjoni għaldaqstant irikkmandat li l-Gvern jiftaħ iżjed skejjel, biex b'hekk ikun jista' jagħti edukazzjoni elementari lill-poplu kollu, u li jibda jonfoq £850 fis-sena fuq l-iskejjel primarji. (1)

Il-Gvern aċċetta r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni u ħatar kumitat li kellu jieħu ħsieb jiftaħ skejjel ġodda. Nhar il-11 ta' Mejju 1838, infetħet skola primarja distrettwali tas-subien f'Ħal Lija, għas-subien li kienu joqogħdu f'Birkirkara, Ħal Lija, Ħal Balzan, Ħ'Attard, il-Mosta, in-Naxxar, u Ħal Għargħur. It-tagħlim tar-reliġjon f'din l-iskola ġie fdat f'idejn il-kappillani ta' l-irħula msemmija. Fl-ewwel jum attendew 98 tifel, iżda sal-għada l-attendenza kienet telgħet għal 148. (2)

F'Awwissu ta' l-istess sena, infetħet ukoll skola primarja għall-bniet f'Ħal Lija, u huwa wisq probabbli li din kienet ukoll skola distrettwali. (3) Mill-gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Jannar 1839, nafu minn kienu l-kapijiet ta' dawn iż-żewġ skejjel. Il-kap ta' l-iskola tas-subien kien Giuseppe Mangion, filwaqt li l-kap ta' l-iskola tal-bniet kienet Carmela Camilleri. (4)

RIFERENZI

(1) J. Camilleri: "Early Govt. Schools in Malta", Melita Historica Vol. V, No. 3, p. 260, 261.
(2) Govt. Gazzette, 16th May 1838.
(3) Ibid. 23rd August 1838.
(4) Ibid. 23rd January 1839.

Winston L. Zammit B.A. (Hons.), M.A.

MILL-UFFICCJU PARROKKJALI

SARU MEMBRI TAL-ĠISEM TA' KRISTU BIL-MAGĦMUDIJA

Charmaine Catania, bint John u Maris.
Keith Vella, bin Paul u Helen.
Donatello Azzopardi, bin Charles u Mariella.
Mary Caruana, bint John u Josephine.
Louise Borg St. John, bint Joseph u Barbara.
Charmaine Vella, bint Arthur u Doris.
Raymond Zarb, bin Michael u Josephine.
Alanton Azzopardi, bin Paul u Mary.
Stefanio Grima, bin Paul u Carmen.
Christopher Marriott, bin Jeffrey u Tessie.
Roberta Bonnici, bint Anthony u Mary Lourdes.
Carl Bonello Cole, bin Martin u Margaret.
Josette Cauchi, bint Joseph u Jane.
Charlot Zahra, bin Oscar u Angela.
Mariette Bugeja, bint Charles u Rita.
Mario Ellul, bin Victor u Sylvia.
Ivan Bellizzi, bin John u Domenica.

IŻŻEWĠU FIL-PARROĊĊA

Lawrence Muscat u Joyce Sciberras
Iro Vassallo u Miriam Gauci.
Paul Borg u Fiorella Cachia.

INGĦAQDU MAL-ĦALLIEQ GĦAL DEJJEM

Ġuża Calleja.
Maria Muscat.
Mons. Francesco Saverio Zahra, ex-Kappillan tal-Parroċċa.
Carmela Savona.
Carmela Calleja.
Maria Tabone.
Arthur Spiteri.
Maria Micallef.
Suor Nicolase (Esteban) Jayo, FMM.
Carmelo Giordimaina.

NOTA EDITORJALI:—

Tagħrif miż-żewġ każini dwar il-festa titulari jidher fil-ħarġa li jmiss.

ROKNA GĦAT-TFAL

Tfal għeżież,

Wieħed mill-isbaħ artali li jżejnu l-knisja tagħna ta' Ħal Balzan huwa dak "Tar-Rużarju".

Il-ħsieb ta' missirijietna li semmew dan l-artal għall-unur tal-Madonna tar-Rużarju ma kienx biss biex iżejnu mill-isbaħ il-knisja tar-raħal, iżda fuq kollox biex iqanqlu lin-nies, ħalli jqimu ta' spiss lill-Madonna, speċjalment billi jgħidu r-Rużarju.

Il-Knisja Mqaddsa marret tagħżel ix-xahar ta' Ottubru biex fih, b'mod speċjali, l-insara juru mħabbithom lejn il-Madonna, billi kuljum igħidu r-Rużarju. B'hekk ma jfissirx li fil-ħdax-il xahar l-oħra l-Knisja ma tixtieqx li ngħiduh, anzi żgur li hi x-xewqa tagħha li l-insara jgħidu r-Rużarju kuljum għax din hi x-xewqa li dejjem uriet il-Madonna fid-dehriet tagħha lill-bnedmin.

Tifel u tifla tassew bil-għaqal u li jħobbu lill-Madonna, fost ħwejjeġ oħra li jkollhom fuqhom, issibilhom ukoll il-kuruna tar-Rużarju. Mhux biss, iżda weħidhom jew ma' ħaddieħor ta' kuljum igħidu r-Rużarju.

Għalkemm il-Madonna tieħu wisq pjaċir b'kull min igħid ir-Rużarju Mqaddes, iżda donnu jidher li dak tat-tfal tilqgħu aktar bil-ferħa. Dan jidher ċar mill-fatt li kull meta dehret fid-dinja biex tħeġġeġ lill-bnedmin għar-Rużarju kienu dejjem it-tfal li rċevew l-ewwel aħbar, bħal ma ġara f'Lourdes u f'Fatima.

Għalhekk, għeżież tfal, ibdew mil-lum stess tħeġġu biex ma tħallux tgħaddi ġurnata mingħajr ma tkunu għidtu r-Rużarju. Żommu quddiem għajnejkom kemm rebħiet kbar saru permezz tiegħu u kemm nies qalgħu l-fejqan tar-ruħ u tal-ġisem għax kienu devoti tiegħu. Jekk tidraw tgħidu r-Rużarju kuljum fi ċkunitkom, żgur li tibqgħu tgħiduh sal-jum tal-mewt tagħkom li fih tkun il-Madonna stess li tilqagħkom fil-ħdan tagħha.

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Għall-kompetizzjoni ta' din il-ħarġa, ħsibna li nerġgħu nagħmlulkom anagramma oħra. Għal dawk li forsi nsew x'inhi anagramma, se nerġgħu nfakkruhom id-definizzjoni tagħha. Anagramma tfisser kelma li minnha stess tista' ssir kelma oħra, jew aħjar, fi kliem ieħor, tqalleb l-ittri ta' din il-kelma u bihom tifforma kelma oħra. Eżempju: minn AĦJAR tagħmel ĦJARA; ĦAJRA. Mela kull ma għandkom tagħmlu hu li toħorġu żewġ kelmiet minn kull waħda minn dawn il-kelmiet FERAĦ; NIBET, SIMEN, KISER.

Bħas-soltu, ibagħtu l-kompetizzjoni tagħkom f'envelop magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda 'San Gabriel', jew impustawh intom stess fil-letter box ta' l-istess każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt, 21 ta' Ottubru, 1978.

It-tweġibiet tal-kompetizzjoni li dehret l-aħħar kienu: 1. Klarinett. 2. Ġranet. 3. Bikkew. 4. Talab. 5. Sunnara. 6 Merill. 8. San Duminku. Il-kelma li kellkom toħorġu kienet 'Arkanġlu'.

Ir-rebbieħa ta' din il-kompetizzjoni kienet Shirley-Ann Brincat, li toqgħod "Siloh", N/S off Old Railway Road, Balzan. Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulha.

CORDINA HALL
CARMEL STREET, BIRKIRKARA
TINKERA GĦAT-TIĠIJIET, ENGAGEMENTS
U KULL OKKAŻJONI OĦRA
Aħsbu kmieni għall-Booking
Telephones: 42093, 40183, 22254
Jew applikaw għand:
F. CORDINA & SONS
CORDINA SHOWROOM
Bishop Labini Street, Birkirkara

ABBATI MINN HAL BALZAN JERĠA' JMUR IL-VATIKAN

Għal darb'oħra, fost l-abbatini Maltin li marru jagħtu s-servizz tagħhom fil-Vatikan, reġa' kellna abbati ieħor mill-Parroċċa tagħna. Dan huwa Tonio Caruana, li din is-sena mar Ruma bħala Prefett ta' l-abbatini. Fl-Anno Santo ta' l-1975, Tonio kien mar bħala abbati. Hekk kif ġie minn Ruma, Tonio kitbilna hekk:—



TONIO CARUANA

Fit-2 ta' Awwissu 1978, kelli x-xorti nerġa' nitla' l-Vatikan bħala prefett. Konna grupp ta' 32 abbati li morna biex nagħtu s-servizz tagħna ġewwa l-Vatikan. Aħna konna mmexxija minn Dun Alwiġ Deguara, bl-għajnuna ta' Dun Spiridione Cutajar u Tony Saliba.

L-ewwel żjara li għamilna kienet dawra mal-Bażilika ta' San Pietru. Hemmhekk rajna kif kellna naqdu s-servizz tagħna. Għalhekk l-għada bdejna nagħtu s-sehem tagħna fil-Vatikan.

Konna ilna biss erbat ijiem meta waslitilna l-aħbar li kien miet il-Papa Pawlu VI. Dak il-ħin li miet il-Papa, aħna konna qed nilagħbu t-tombla fil-palestra.

Għal tlitt ijiem, il-Papa baqa' espost Castel Gandolfo, u l-Erbgħa fil-għaxija ħaduh ġewwa l-Vatikan. Dik il-lejla, l-abbatini Maltin ġew imsejħa biex jieħdu sehem fil-purċissjoni mill-pjazza għal ġewwa.

Fit-12 ta' Awwissu, sar il-funeral tal-Papa fil-pjazza ta' San Pietru. Il-Quddiesa damet madwar sagħtejn u aħna konna wkoll preżenti għaliha. Wara li spiċċat il-quddiesa, xi wħud mill-Kardinali niżlu biex jassistu għad-difna tal-Papa li saret fil-Kripta.

Għal disat ijiem sar quddies kantat għal ruħ il-Papa. Għas-servizz ta' dawn il-quddies konna ngħinuhom erba' prefetti u żewġ viċi prefetti.

Fil-25 ta' Awwissu, il-Kardinali kollha qaddsu fuq l-Altar tal-Kor. Dak in-nhar fil-għaxija, daħlu għall-Konklavi. L-għada, f'nofs in-nhar konna preżenti għal waqt il-fumata, iżda din kienet sewda. Għall-ħabta tas-sitta u nofs aħna morna nistennew it-tieni fumata. Għas-sebgħa ta' fil-għaxija bdejna naraw id-daħna bajda. Nofs siegħa wara ħarġu l-Kardinali mit-twieqi ta' San Pietru u wara li tħabbar isem il-Papa, huwa wkoll ħareġ mit-tieqa ċentrali u ta l-Barka Papali. Aħna morna lura ferħana aktar mis-soltu, għax issa reġa' għandna Papa.

Fit-3 ta' Settembru, il-Papa Ġwanni Pawlu I ħa l-pussess ta' Papa u, bħal meta kellna l-funeral tal-Papa Pawlu Vi, aħna konna preżenti għal din il-funzjoni wkoll.

Fis-6 ta' Settembru kellna l-Udjenza mal-Qdusija Tiegħu l-Papa, li wara li kellimna u spiċċa l-Udjenza, huwa għoġbu jiġi u jieħu ritratt magħna. Waqt l-Udjenza, aħna ġejna mogħtija medalja bħala rikordju tal-Papa.

Fil-15 ta' Settembru, ġejna lura Malta u magħna ġibna tifkiriet sbieħ u esperjenzi li ma ninsew qatt.

Tonio Caruana

Ir-Rev. Dun Ġwann Zammit Hammet jixtieq jirringrazzja lill-Kappillan, ir-Rev. Kan. Dun Karm Sciberras, lil sħabu s-saċerdoti li kkonċelebraw miegħu fil-Quddiesa Solenni li saret nhar il-Ħadd, 3 ta' Settembru 1978, fil-Knisja parrokkjali ta' Hal Balzan, b'radd il-ħajr għal egħluq il-25 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu, lir-Rev. Dun Alfred Xuereb, Kappillan ta' Hal Lija, għall-paneġierku li niseġ għall-okkażjoni, lil ħuh, it-tabib Pawlu Zammit Hammet, lir-Rev. Mons. Dun Ġużepp Minuti, li għamluha ta' parrinijiet, kif ukoll lil dawk kollha li kienu preżenti għall-quddiesa tiegħu, lil dawk kollha li marru jifirħulu d-dar, u anke lil dawk li, għalkemm ma setgħux imorru jifirħulu d-dar, xorta waħda wrew ir-rispett tagħhom lejh.

VITAFOAM
ISEM TA' GARANZIJA
PRODOTTI:
SAQQIJIET
IMHADED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OHRA TAL-FOAM
Irrikorru:
VITAFOAM MALTA LIMITED
INDUSTRIAL ESTATE, SAN ĠWANN (B'KARA)
Telephone: 36275/76

DUN ĠWANN ZAMMIT HAMMET JAGHLAQ 25 SENA SAĊERDOT

(minn paġna 1)

tiegħu, bħas-suldat fuq il-kamp tal-battalja, sa ma jikseb il-glorja tar-rebħa, li f'dan il-każ tkun il-kuruna li ma tidbiel qatt fis-saltna tas-sema.

5. Sa fejn naf jien, dawn il-25 sena bħala saċerdot kollha għaddejthom f'Hal Balzan. Tista' tgħidilna x'wettaqt tul dan iż-żmien u x'inhi l-ħidma tiegħek il-lum fil-parroċċa?

Nista' ngħid bil-verità tal-fatti li qatt ma ridt inħalli l-parroċċa fejn twelidt ħamsin sena ilu u li fiha ħdimt tul dawn il-25 sena bħala saċerdot. U dan irnexxieli nagħmlu, għaliex l-Awtorità Ekkleżjastika ma sejħitlix għal band'oħra u għalhekk irnexxieli nwettaq ix-xewqa tiegħi kollha kemm hi billi nibqa' f'Hal Balzan. Rigward x'wettaqt tul dan iż-żmien ngħid biss li bħala saċerdot fl-ewwel sena ħdimt taħt il-kappillan Dun Ġużepp Minuti, illum monsinjur, u l-bqija taħt il-kappillan preżenti, il-W.R. Kan. Karm Sciberras. Jiena dejjem għamilt li stajt biex nagħmel mill-aħjar li nista'. Il-ħidma tiegħi hija ta' kull xorta, imma l-iktar dik marbuta mal-kariga ta' Viċi-Parroku, li issa ili mill-1965, u allura hemm it-tqarbin tal-morda (kif semmejt iktar 'il fuq), l-assistenza tal-moribondi, il-kura tal-għaqdiet li għandi f'idejja, il-kariga ta' direttur spiritwali tal-każini li hawn f'Hal Balzan, u xejn inqas dik bħala direttur tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Alla.

6. Għandek xi ħaġa x'tgħidilna dwar it-tqarbin tal-morda ta' kuljum?

Rigward it-tqarbin tal-morda ta' kuljum ngħid li ndur marraħal kollu kuljum biex noħdilhom it-tqarbin ġo djarhom ħalli jkollhom il-konfort tassema, għax anke l-preżenza tas-saċerdot hija solliev kbir għall-povru marid, u iżjed u iżjed meta tagħtih il-ħobż tas-sema. U għalkemm hija rabta u intrigu għal min jagħmlu, hemm il-konsolazzjoni li Dak li wiegħed premju mitt darba iżjed għal min jagħti tazza ilma friska f'ismu (u l-kelma tiegħu qatt ma tiġi nieqsa), jagħti b'ċertezza akbar il-premju mistħoqq għall-għemil tajjeb, li hi t-tgawdija flimkien miegħu fis-sema. Inħoss is-sodisfazzjon li ngħid ma' San Pawl li dawk li jħobbu 'l Alla, Alla jkun magħhom.

7. X'inhija x-xewqa tiegħek għall-ġejjieni?

Ix-xewqa tiegħi għall-ġejjieni hi li nkompli bil-ħidma fejn bdejt, u nħajjar lil ħaddieħor jagħmel bħali, u aħjar minni wkoll, sabiex dak li nbeda għall-glorja t'Alla u għall-ġid ta' l-erwieħ jipperfezzjona ruħu dejjem iżjed.

8. Fl-aħħarnett, għandek xi messaġġ speċjali li trid twassal lill-poplu ta' Hal Balzan?

Il-messaġġ li rrid inwassal lill-poplu ta' Ħal Balzan huwa wieħed ta' radd il-ħajr lil Alla, u l-għajnuna biex nikbru lkoll fil-qdusija, billi naħdmu għall-ġid ta' kulħadd, filwaqt li nirringrazzja lill-poplu kollu tal-għajnuna u l-koperazzjoni li dejjem tani fl-imgħoddi u li beħsiebu jagħtini 'l quddiem. Ikun imfaħħar Alla għal dejjem. Tkun ukoll dejjem magħna l-protezzjoni tal-Madonna. Nagħlaq billi ngħid grazzi lil kulħadd, u kunu mberkin.

ITTRI LILL-EDITUR

Nixtieq minn qalbi, bħala Balzani, li nagħti prosit lill-Kumitat tal-'Balzan Youths' għall-festin li għamlu lill-'minors' wara li rebħu l-kampjonat. Għall-ikla, li saret fis-'Salad Bowl' Buġibba, kien hemm preżenti l-players, il-kumitat u dawk li sponsorjawna. F'diskors li għamel il-president irringrazzja lil Messrs. Calleja tal-Hypnos u lil Mr. Pisani tad-Dreamland, għall-għajnuna li dawn innies dejjem taw lill-każin tagħna u, li kieku ma kinux huma, kien ikun impossibbli għall-club li jagħmel dawn l-ispejjeż. Fit-tweġiba għad-diskors tal-president is-Sur Calleja minnaħa tiegħu wiegħed li bħalma għamlu fl-imgħoddi, kienu ser ikomplu 'l quddiem, li jgħinu lill-club f'dak li hemm bżonn.

Fl-aħħar tal-ikla ġew imqassma l-medalji lill-players kollha li ħadu sehem fil-league, u t-trophy tal-'Promising Player' ġiet ippreżentata lil Manuel Borg u Mario Pullicino.

Il-festin ingħalaq mill-president, meta ppreżenta t-tazza lill-'Best Player of the Year' li ġiet mirbuħa minn David Psaila, fost iċ-ċapċip ta' dawk preżenti.

Prosit ħafna
KONT PREŻENTI

minn paġna 2

REFERENZI

1. DIMECH G.: ĦAL BALZAN Nru. 4
2. DIMECH G.: ĦAL BALZAN Nru. 42
3. Ibid. Cit.
4. COCCO PALMIERI D.: Visit. Past. fol. 251
5. COCCO PALMIERI D.: Visit. Past. fol. XIV
6. CANAVES J.: Visit. Past.
7. Lib. Nu. 4
8. Ibid. Cit.
9. Ibid. Cit.
10. Ibid. Cit.
11. Ibid. Cit.
12. Lib. 66
13. Ibid. Cit.
14. Ibid. Cit.

PROFILI BALZANIN — 13 ALFRED BRINCAT (1910-1974)



Alfred Brincat twieled Hal Balzan fis-26 t'Awwissu 1910 minn Valent u Concetta, imwielda Grixti. Meta kien għadu tifel beda jmur l-Iskola Primarja ta' Hal Lija/Hal Balzan u wara attenda fl-iskola tar-Rabat.

Ta' madwar erbatax-il sena daħal jaħdem f'St. Joseph Flour Mill, u wara laħaq supervisor fl-istess fabbrika, fejn baqa' jaħdem sakemm irtira ta' 60 sena.

Minn meta kien għadu tifel, Fredu interessa ruħu fil-qasam Balzani, l-aktar f'dak tal-knisja kif ukoll fil-Każin tal-Banda 'San Gabriel'. Kien għadu ta' eta' żgħira meta, flimkien ma' oħrajn, beda jiġbor għall-festa — xogħol li baqa' jagħmel sa xi sena qabel miet fl-eta' ta' 64 sena.

Fost l-opri li għamel mill-ġbir tiegħu, insibu l-bankun li hemm bejn il-Madonna u l-Arkanġlu Gabriel fl-istatwa tal-Madonna. Għamel minn butu gabarre' tal-fidda li jintuża għall-festa, kif ukoll ħadem huwa stess ir-raġġieri li għandna fil-knisja wara l-brazzi tad-dawl elettriku. Ħadem b'idejh ukoll il-bradella li hemm taħt il-Madonna ta' Lourdes. Il-linfa kbira li hemm bħalissa fis-sagristija tannaħa tal-lemin tal-knisja ġiet imħollija minnu u twaħħlet fil-post fid-29 t'April, 1976.

Iżda Fredu jibqa msemmi l-aktar għall-imħabba li kellu lejn il-Każin tal-Banda 'San Gabriel', li tiegħu dam president għal 21 sena. Kien fi żmienu li ġiet imwaqqfa l-banda, u biex igħin xi ftit kien igħallem il-mużika lil xi tfal fid-dar tiegħu stess. Huwa kien idoqq il-"corno".

Fredu ħalla l-istrument tiegħu lill-każin, kif ukoll diversi bnadar, kemm kbar kif ukoll żgħar. Huwa rregala wkoll il-pittura ta' l-Arkanġlu Gabriel li bħalissa tinsab imdendla fis-sala tal-Każin.

Alfred Brincat miet is-Sibt, 16 ta' Marzu, 1974. Apprezzament tiegħu deher fil-gazzetta "Hal Balzan" Nru. 17 ta' Mejju/Ġunju 1974.

THE GUARDIAN ANGEL
(KINDERGARTEN)
40, ST. VALENTINE STREET,
BALZAN
The paradise for children from 2-5 years.
Registrations for September are now being made.
Come and pay us a visit or phone 45792, 43294.